**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, sittax (16) ta' Lulju 2024

Kawża Nru 436/2022

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

Vs

**Alessandro Militello**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Alessandro Militello**, imwieled nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju 1968 u residenti 130, Flat 4, Triq Giorgio Borg Olivier, Rabat, Għawdex talli nhar is-sittax (16) ta' Awissu 2022 għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30hrs) fi Triq il-Kappuċċini, Rabat, Għawdex:

(1) saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DA 59809 ta' għamla Honda Hornet b'mod negliġenti u perikoluż;[1]

(2) talli anke fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb u negliġenza involontarjament ikkawża ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michael Cauchi kif iċċertifikat minn Dr Petr Lipavsky;[2]

(3) u anke talli fl-istess żmien, lok u ċirkustanzi bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ikkaġuna ħsara involontarja fuq il-vettura tal-għamla Piaggio Vespa bin-numru tar-reġistrazzjoni FJC 308 għad-detriment ta' Michael Cauchi;[3]

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tiskwalifika lill-akkużat milli jottjeni jew iżomm liċenzja tas-sewqan.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, lill-Parte Civile u lid-Difiża jiddikjaraw fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw

[1] Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.
[2] Artikolu 226(1) tal-Kap. 9.
[3] Artikolu 328 tal-Kap. 9.

lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid id-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar is-sittax (16) ta' Awissu 2022, il-Pulizija tal-Għassa tar-Rabat, Għawdex ġew infurmati li kien seħħ incident stradali fi Triq il-Kappuċċini, Victoria, Għawdex. Il-Pulizija marret fuq il-post fejn sabet żewġ muturi maħbutin. Wieħed mis-sewwieqa li ġie identifikat bħala Michael Cauchi kien fl-art u kien jeħtieġ assistenza medika. Mill-indaġni preliminari li għamlet il-Pulizija irriżulta li Michael Cauchi kien qed isuq mutur tal-marka Piaggio Vespa bin-numru tar-reġistrazzjoni FJC 308. Cauchi sostna li huwa kien fi triqtu lejn Marsalforn meta mutur ieħor invadielu l-karreġġjata u ħabat ġo fih bil-konsegwenza li huwa (cioe Cauchi) waqa' minn fuq il-mutur.

Il-Pulizija identifikat li s-sewwieq tal-mutur l-ieħor involut kien ċertu Alessandro Militello. Dan kien qed isuq mutur tal-marka Honda Hornet

bin-numru tar-reġistrazzjoni DA 59809. Militello qal li huwa kien ipparkjat quddiem is-supermarket G & R fi Triq il-Kappuċċini. Kompla jgħid li huwa ried imur Marsalforn u hekk kif daħal fil-karreġġjata li tieħu lejn Marsalforn, il-mutur l-ieħor ħabat fir-rota ta' quddiem tiegħu u seħħ l-inċidient. Sadanittant Michael Cauchi ittieħed l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn ġie ċertifikat li kien qed isoffri minn ġrieħi ta' natura gravi.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel (1) Akkuża – Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65</u>**

Fl-ewwel akkuża, il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-akkużat fil-ġurnata u l-ħin indikati saq il-mutur tiegħu tal-marka Honda Hornet bin-numru tar-reġistrazzjoni DA 59809 b'manjiera negliġenti u b'mod perikoluż. L-artikolu 15(1)(a) jikkontempla tlett (3) tipi ta' sewqan li kollha kemm huma jattiraw sanzjonijiet penali; pero ma jistgħux jitpoġġew fl-istess keffa u waħda tista' tgħid li hija aktar gravi mill-oħra. Ta' importanza hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[4] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali spjegat b'mod ċar id-distinzjoni bejn dawn it-tlett (3) tipi ta' sewqan. Il-Qorti qalet li:

> *"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx*

[4] Deċiża fis-6 ta' Mejju 1997 u Riportata f'Volum LXXXI.iv.57.

*il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.*

***Sewqan perikoluż*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn*

*it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain****, Appell Kriminali, 21/5/96)."*

Il-klassifikazzjoni ta' sewqan bħala negliġenti/traskurat, bla kont jew perikoluż hija kwistjoni purament ta' *"degree"*. Infatti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Gellel** intqal:

*"... kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluż hi kwestjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul vs Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol vs Wilson*** *(Vol. XXXIX.iv.1018) u* ***Pul. Vs Alfred Vella*** *(Vol. XLIV, p 933)) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom (App. Krim.* ***Pul vs Hardingham****, 19.10.1963).*

*Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul vs Charles Farrugia*** *(Vol. XXXIX.iv.978)). 'Recklessness' ġiet definita bħala 'wilfully shutting one's*

> *eye' (App. Krim.* ***Pul vs Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul vs Antonio Spiteri*** *(Vol. XLIV.iv.892)).*"[5]

Fil-każ odjern l-akkużat għażel li jagħti x-xhieda tiegħu. Huwa spjega li huwa kien għadu kemm xtara mingħand is-supermarkat li hemm fi Triq il-Kappuċċini u ried li jmur fid-direzzjoni ta' Marsalforn. Il-mutur tiegħu kien qed iħares fid-direzzjoni tar-Rabat, Għawdex. Huwa għalhekk spjega li ried jagħmel *u-turn* biex jinżel Marsalforn. Għalhekk huwa ivverifika li ma kien ġej ħadd mid-direzzjoni ta' Marsalforn u ipproċeda sabiex ħareġ minn fejn kien wara li dawwar il-mutur tiegħu peress li l-mutur tiegħu kien qed iħares lejn ir-Rabat. Huwa daħal fil-karreġġjata li tieħu lejn Marsalforn u imbagħad ħass daqqa fuq in-naħa ta' quddiem tal-mutur tiegħu minn vettura oħra.

Min-naħa l-oħra il-parte civile jixhed li huwa kien qed isuq il-mutur tiegħu fid-direzzjoni ta' Marsalforn. Jgħid li huwa ħass daqqa fuq in-naħa tal-lemin tiegħu, liema daqqa ġiet mil-ġenb bil-parti ta' quddiem tal-mutur tal-akkużat.

Iż-żewġ partijiet qegħdin għalhekk jagħtu verżjonijiet kunfliġenti dwar kif seħħ l-inċident. Min-naħa 'l waħda hemm il-verżjoni tal-parte civile

[5] Deċiża fid-19 ta' Frar 2004.

li d-daqqa ġiet mill-ġenb u min-naħa l-oħra hemm il-verżjoni tal-akkużat li prattikament qed jgħid li l-ħabta kienet waħda li tista' tiġi klassifikata bħala *bumper to bumper*. Il-fatt li hemm dawn il-verżjonijiet kunflinġenti ma jfissirx li din il-Qorti għandha bil-fors tillibera; hija għandha tara liema verżjoni hija l-aktar kredibbli u imbagħad tislet il-konklużjonijiet tagħha abbażi tal-verżjoni l-aktar kredibbli.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa x-xhieda mogħtija miż-żewġ partijiet u tqis li hemm dubji serji rigward il-kredibbilita tal-verżjoni mogħtija mill-akkużat dwar l-akkudut. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) id-daqqa fil-mutur ta' Michael Cauchi huwa ċar li qiegħda fil-ġenb tal-mutur.[6] Li kieku verament d-daqqa kienet waħda li tista' tiġi klassifikata bħala *bumper to bumper* u li dak li seħħ kien li min kien wara (f'dan il-każ l-akkużat) laqat il-mutur ta' quddiem, il-ħsarat fuq il-mutur ta' Cauchi ma kinux jkunu fil-ġenb tal-mutur ta' Cauchi kif kienu iżda fuq in-naħa ta' wara tal-mutur. Michael Cauchi min-naħa tiegħu dejjem sostna li d-daqqa ġiet min-naħa tal-lemin tiegħu mill-ġenb u li l-istess mutur imblukkalu t-triq tiegħu. Baqa' dejjem konsistenti f'din il-verżjoni tiegħu;

(b) il-ħsarat fuq il-mutur ta' Cauchi huma kompatibbli mal-ħsarat fuq il-mutur tal-akkużat. L-akkużat jistqarr li l-ħsarat fil-mutur tiegħu

[6] Ara Dokumenti MC 1 u MC 2 a fol. 25 u 26 tal-proċess.

kienu fuq in-naħa tal-break tax-xellug tar-rota ta' quddiem. Dan huwa indikattiv li fil-mument li seħħ l-impatt il-mutur tal-akkużat kien għadu angolat u ma kienx għadu ġie bi dritt kif jinsisti l-akkużat. Li kieku verament il-mutur tal-akkużat kien bi dritt kif jistqarr hu, il-ħsarat fuq il-mutur tiegħu ma setgħu qatt kienu fuq il-parti tax-xellug tar-rota ta' quddiem; iżda kienu jkunu fuq in-naħa frontali tal-mutur u mhux konċentrati fuq ġenb.

(c) fix-xhieda tiegħu, l-akkużat stqarr: *"ovviamente la moto, io ero davanti al supermarket direzione Victoria, e quindi ho dovuto fare in mettermi sulla strada verso Marsalforn. E puo chiarament ho sentito un mezzo mi ha pizzicato nella ruota anteriore."*[7] Dan huwa indikattiv li l-akkużat lil Cauchi assolutament ma rahx. Issa wieħed irid iżomm f'moħħu li l-akkużat kien qed jagħmel manuvra ta' u-turn. M'hemmx dubju li min ikun qed jagħmel manuvra ta' *u-turn* fit-triq jinkombi fuqu l-obbligu li jippresta ċertu livell ta' attenzjoni peress li bil-manuvra tiegħu huwa se jkun qed jinvadi l-karreġġjata tan-naħa opposta. Għalhekk għandu l-obbligu li jivverifika jekk tali manuvra jistax jagħmilha mingħajr ma joħloq perikolu għalih u għall-utenti oħra fit-triq. Minn eżami tax-xhieda tal-akkużat jidher li huwa ta' importanza biss lill-vetturi li kienu telgħin lejn Marsalforn. Ma jidhirx li huwa ta' każ tal-vetturi li kienu neżlin mid-direzzjoni tar-Rabat, Għawdex. F' parti oħra tax-xhieda tiegħu l-akkużat stqarr:

---

[7] Fol. 80 tal-proċess.

> *"Io la mia manovra pero la fatta correttamente eh. Io ho guardato a destra, ho guardato a sinistra e sopratutto ho guardato destra perche oltre che aver guardato a sinistra perche il mio rischio maggiore era quello di attraversare la corsia dove I veicoli mi erano vicinissimi."*[8]

Dan kollu jindika li hekk kif l-akkużat ivverifika li min-naħa ta' Marsalforn lejn ir-Rabat ma kien tiela' ħadd huwa qabad u ħareġ mingħajr ma ra x'kienet is-sitwazzjoni fid-direzzjoni opposta u ċioe d-direzzjoni tal-karreġġjata tar-Rabat nieżla lejn Marsalforn. Li kieku għamel hekk, lill-parte civile kien jarah żgur għax fil-punt li fih seħħ l-inċident, it-triq tippermetti viżwali fit-tul. Jekk huwa għamel il-manuvra li jindika li għamel fid-Dokument AM 1 a fol. 85 tal-proċess, lill-parte civile kellu bil-fors jarah ġej mid-direzzjoni opposta. Il-fatt li ma rahx huwa konferma li l-akkużat ma żammx *a proper look out* u għamel manuvra ta' *u-turn* mingħajr ma ippresta d-debita attenzjoni.

In kontro-eżami l-akkużat jindika li setgħet għamietu x-xemx u kien għalhekk li huwa ma rax lill-parte civile ġej bil-mutur. Apparti li dan il-fatt, l-akkużat ma indikax lill-Pulizija *a tempo vergine* meta huwa ta l-verżjoni tiegħu tal-inċident lill-Pulizija, l-inċident

[8] Fol. 83 tal-proċess.

seħħ fit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30hrs) f'nofs Awissu, f'punt fejn ix-xemx tkun għadha fl-għoli u għalhekk pjuttost improbabbli li setgħet għamietu x-xemx. Anke li kieku dan kien minnu, jekk ma kellux viżwali tajba minħabba x-xemx aktar u aktar kien obbligat li joqgħod attent qabel jagħmel il-U-Turn.

(d) ma jagħmilx sens dak li jgħid l-akkużat a fol. 81 tax-xhieda tiegħu li l-mutur ta' Cauchi ġie minn wara. Li kieku ġie minn wara, l-impatt ma setax ikun li sar man-naħa tax-xellug tar-rota ta' quddiem tal-akkużat kif sewwasew qal aktar qabel fix-xhieda tiegħu. L-impatt kien ikun fuq in-naħa ta' wara tal-mutur tal-akkużat. Aktar u aktar ma jagħmilx sens, meta wieħed iqis il-posizzjoni tal-ħsarat tal-mutur tal-parte civile.

Mis-suespost, huwa ċar li l-inċident seħħ għaliex l-akkużat kien traskurat fis-sewqan tiegħu. Huwa għamel manuvra ta' u-turn meta ivverifika biss minn kien ġej min-naħa ta' Marsalforn u ma tax każ min kien ġej min-naħa tar-Rabat. Per konsegwenza tat-traskuraġni tiegħu, seħħ l-inċident stradali. Ma tqisx li fiċ-ċirkustanzi tal-każ is-sewqan tal-akkużat jista' jiġi klassifikat għal sewqan perikoluż; kien hemm biss element ta' traskuraġni da parti tal-akkużat. Għalhekk l-ewwel akkuża tirriżulta biss in kwantu li l-akkużat kien qed isuq b'mod negliġenti.

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 226(1) tal-Kap. 9</u>**

Biex tirriżulta din it-tieni (2) akkuża li qed tiġi addebitata lill-akkużat huwa fundamentali li tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b'ness ta' kawżalita' mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[9]

Fid-dawl tas-suespost huwa ċar li l-inċident seħħ riżultat tat-traskuraġni tal-akkużat huwa u jagħmel il-manuvra ta' u-turn. Din l-azzjoni tiegħu waslet sabiex huwa involontarjament ikkaġuna feriti fuq il-persuna ta' Michael Cauchi. Dawn il-feriti ġew klassifikati bħala gravi peress li kien hemm ksur.[10] Mill-provi pero ma rriżultax li l-ġrieħi kaġunati ġabu l-konsegwenzi indikati fl-artikolu 218 tal-Kap. 9. Għalkemm il-parte civile fix-xhieda tiegħu jgħid li huwa soffra diżabbilita permanenti ta' disa' fil-mija (9%), din id-dikjarazzjoni tiegħu ma ġiet sorretta bl-ebda ċertifikat jew prova medika oħra. Għalhekk il-Qorti sejra tqis li għall-fini ta' dawn il-proċeduri penali, l-offiża gravi kaġunata fuq il-persuna tal-parte civile ma ġabitx il-konsegwenzi indikati fl-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta'

[9] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)

[10] Ara xhieda ta' Dr Michael Refalo a fol. 16 tal-proċess.

Malta. Għalhekk it-tieni akkuża tirriżulta biss ai termini tal-artikolu 226(1)(b).

- **<u>It-Tielet Akkuża – Artikolu 328 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

M'hemmx dubju li din l-akkuża irriżultat wkoll. L-inċident li ikkaġuna l-akkużat wassal sabiex ġew kaġunati wkoll ħsarat fuq il-mutur tal-parte civile, liema ħsarat kienu sostanzjali hekk kif spjega l-parte civile fid-deposizzjoni tiegħu. Il-Qorti pero mhix se tgħaddi biex tapplika l-artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta in vista li l-ammont reklamat fid-dokument MC 3 ma ġiex konfermat bil-ġurament mill-persuna li rrediega dan id-dokument.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 218, 226(1)(b) u 328(c) tal-Kap. 9 kif wkoll l-artikolu 15(1)(a) u 15(3)tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib lill-akkużat:

(a) **<u>ħati tal-ewwel (1) akkuża in kwantu biss kien qiegħed isuq il-mutur tal-għamla Honda Hornet bin-numru tar-reġistrazzjoni DA 59809 b'mod negliġenti ossia traskurat</u>** iżda mhux qed issibu ħati li huwa saq l-istess mutur b'mod perikoluż;

(b) **<u>ħati tat-tieni (2) akkuża in kwantu biss b'nuqqas ta' ħsieb u negliġenza involontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michael Cauchi, liema ġrieħi gravi pero ma ġabux il-konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**;

(c) **<u>ħati tat-tielet (3) akkuża</u>**;

u qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' **<u>ħames mitt ewro (€ 500)</u>**.

Finalment wara li rat l-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tmint (8) ijiem mil-lum.

**Dr. Jean Paul Grech**
**Maġistrat**

**Joseph Grech**
**Deputat Registratur**